**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 13 ta' Lulju 2022**

**Kumpilazzjoni Numru: 636/2008 MLF**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Priscilla Caruana Lee)**
**(Spettur George Frendo)**

**vs**

**Glen Farrugia**

**PROVVEDIMENT**

Il-Qorti

1. Fit-30 ta' Settembru 2021, l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti mixli b'ghoxrin (20) imputazzjoni, fosthom li fit-28 ta' Settembru 2021, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lamin Jaiteh, imwieled fis-7 t'April, 1989 mill-Gambia.

2. Fis-seduta tas-16 ta' Dicembri 2021[1], din il-Qorti iddikjarat li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, u ordnat li l-atti tal-

[1] Wara zewg prorogi moghtija mill-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta.

kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi. Dan sar wara diversi seduti fejn instemghu numru konsiderevoli ta' xhieda, access fuq is-sit in kwistjoni u diversi hatriet ta' esperti u digrieti sabiex jigu preservati l-provi.

3. B'nota ta' rinviju datata 21 ta' Jannar 2022, l-Avukat Generali baghat l-atti lura lil din il-Qorti, u talab, ai termini tal-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti *inter alia*:[2]

(i) Tisma' l-ufficjali prosekuturi sabiex jaghmlu korrezzjoni fil-komparixxi billi jissotitwixxu l-imputazzjonijiet originali bl-imputazzjonijiet indikati fl-istess nota ta' rinviju;

(ii) Sussegwentement, terga' tisma' l-ufficjali prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-gurament l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, isir l-ezami tal-imputat minghajr gurament u d-difiza tiddikjara jekk hux lesta tikkonsidra li tezenta lill-prosekuzzjoni milli tressaq mill-gdid il-provi gia kompilati.

4. Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2022, gie registrat is-segwenti verbal:[3]

*"Jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja ... ..."* L-istess dicitura tinstab fl-Artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

5. Konsegwentement sabiex din il-Qorti taghmel ir-riferenza kostituzzjonali mitluba, hija trid tkun sodisfatta illi l-kwistjoni sollevata ma tkunx wahda semplicement frivola <u>jew</u> vessatorja. Fis-sentenza **Alan Mifsud vs L-Avukat Generali** deciza fit-23 ta' Novembru 1990, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi:

[2] Ara fol. 623 *et seq.* tal-process.
[3] Ara fol. 635 tal-process.

*"Dr Sciriha ghad-difiza jippuntwalizza li in vista tar-rinviju tal-Avukat Generali qeghda tirriserva l-pozizzjoni legali taghha sabiex fil-mument opportun tiddefendi l-istess drittijiet tal-imputat fil-fora kollha necessarja.*

*Rigward l-ewwel rekwizit fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali u cioe il-korrezzjoni fil-komparixxi, il-Qorti tirrileva illi huwa d-dover tal-prosekuzjoni li meta titlob korrezzjoni fil-komparixxi ma tistghax sempliciment titlob sostituzzjoni en bloc tal-istess komparixxi imma trid tindika kelma b'kelma kull fejn qed titlob li l-komparixxi originali tigi korretta, u dan sabiex il-Qorti tkun tista' fid-dawl tas-sottomissjonijiet li eventwalment isiru mid-difiza tiddeciedi jekk tippermettix il-korrezzjonijiet mitluba."*

6. Fin-nota ta' rinviju tat-28 ta' Frar 2022[4], l-Avukat Generali biddel l-ewwel rekwizit ghal li *"(t)isma' lill-ufficjali Prosekuturi sabiex jaghmlu korrezzjoni fil-komparixxi sabiex l-imputazzjonijiet jinqraw kif gej (korrezzjonijiet enfasizzjati b'tipa skura u sottolinejati)"* fl-istess nota. It-tieni rekwizit baqa' l-istess.

7. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2022 gie registrat is-segwenti verbal:[5]
*"L-ufficjal prosekutur talab li jaghmel korrezzjoni fil-komparixxi u jesebixxi il-komparixxi kif emendata, u dan skon l-ewwel rekwizit fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali.*

*Il-Qorti terga' tirribadixxi dak li gie minnha verbalizzat fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2022 dwar il-mod ta' kif ghandhom jintalbu korrezzjonijiet fil-komparixxi u a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghal dak il-verbal.*

*Il-Qorti zzid biss li meta taghmel tali talba l-prosekuzzjoni ghandha tindika wkoll taht liema disposizzjoni tal-ligi qed tintalab din il-korrezzjoni u dan anke in vista tal-fatt li f'dan l-istadju tal-proceduri din il-Qorti diga tat digriet fejn iddikjarat li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza.*

[4] Ara fol. 706 *et seq.* tal-process.
[5] Ara fol. 716 tal-process.

*Il-Qorti tiddeplora l-fatt li minkejja l-verbal taghha tal-24 ta' Jannar 2022 fuq imsemmi, il-prosekuzzjoni ghazlet li tinjora kompletament dan il-verbal li jsarraf hela ta' zmien u dewmien ghal kull min hu nvolut."*

Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Marzu 2022 sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruhha fir-rigward tal-ewwel rekwizit.

8. Fit-22 ta' Marzu 2022, l-Avukat Generali ipprezenta nota fejn spjega iktar fid-dettal il-korrezzjonijiet mitluba mill-prosekuzzjoni, u kif ukoll spjega fuq liema bazi qeghda tintalab din il-korrezzjoni.[6]

9. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022, il-Qorti tat kopja ta' din in-nota lid-difiza seduta stante, u tat lid-difiza il-fakolta li tipprezenta nota risponsiva sad-data tad-differiment li jmiss, u ordnat li l-atti jigu rinvijati lill-Avukat Generali skond il-ligi.

10. Fin-nota ta' rinviju tal-25 t'April 2022, l-Avukat Generali biddel l-ewwel rekwizit fis-sens li talab lil din il-Qorti *"(t)isma lill-Ufficjali Prosekuturi sabiex jaghmlu korrezzjoni fil-komparixxi skond"* t-tibdiliet indikati fl-istess nota.[7]

11. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022, din il-Qorti irriservat li tati l-opinjoni taghha dwar il-korrezzjonijiet mitluba fis-seduta li jmiss, u l-atti gew rinvijati lill-Avukat Generali.

12. Fin-nota ta' rinviju tas-17 ta' Gunju 2022, l-Avukat Generali rega' *inter alia* talab li:

(i) din il-Qorti tisma' l-ufficjali prosekuturi sabiex jaghmlu korrezzjoni fil-komparixxi skond kif indikat fl-istess nota fil-konfront ta' kull imputazzjoni;

(ii) sussegwentement li din il-Qorti terga' tisma' lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-gurament l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, isir l-ezami tal-imputat minghajr gurament u d-difiza tiddikjara jekk hux lesta tikkonsidra li tezenta lill-prosekuzzjoni milli tressaq mill-gdid il-provi gia kompilati.

[6] Ara fol. 740 *et seq.* tal-process.
[7] Ara fol. 754 *et seq.* tal-process.

13. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2022, din il-Qorti iddifferiet il-kawza ghas-seduta tal-lum sabiex tati l-opinjoni taghha dwar dawn iz-zewg rekwiziti tal-Avukat Generali.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Dan il-provvediment huwa limitat ghal kwistjoni ta' x'tip ta' korrezzjonijiet l-Prosekuzzjoni tista' titlob li jsiru fil-komparixxi waqt l-istruttorja, wara li l-Qorti tkun diga tat digriet fejn iddikjarat li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, u l-procedura li ghandha tigi uzata fir-rigward.

15. Pero, din il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax il-fatt li minkejja li l-kumpilazzjoni giet maghluqa wara ghaxar (10) gimghat jinstemghu il-provi, il-prosekuzzjoni intebhet li riedet taghmel xi korrezzjonijiet fil-komparixxi proprju wara l-eghluq tal-kumpilazzjoni. Kieku it-talba ghal dawn il-korrezzjonijiet saret qabel inghalqet il-kumpilazzjoni, probabbilment kien ikun hemm hafna inqas komplikazzjonijiet legali u fattwali. F'ghaxar (10) gimghat, il-Prosekuzzjoni kellha l-hin ampju sabiex terga' ddur il-komparixxi, u tara jekk tridx titlob xi korrezzjonijiet. Certament li mhux accettabbli li l-prosekuzzjoni tistenna sakemm l-kumpilazzjoni tigi maghluqa u l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali, sabiex tiehu l-pariri legali mehtiega minghand l-Avukat Generali. In-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li titlob il-korrezzjonijiet fi stadju bikri tal-kumpilazzjoni u qabel giet maghluqa sarraf f'xhur ta' hela ta' hin ghal partijiet kollha involuti f'dawn il-proceduri, kif ukoll ghal din il-Qorti.

16. L-Avukat Generali qed jibbaza t-talba tieghu ghal korrezzjonijiet fuq l-Artikolu 405(8) u l-Artikolu 435(2) tal-Kodici Kriminali.

17. L-Artikolu 405(8) tal-Kodici Kriminali – li tajjeb li jinghad li gie mizjud bl-Att XXIV tal-2014 - jippreskrivi illi wara li tinghalaq il-kumpilazzjoni:

*"Il-qorti għandha tmexxi sabiex tieħu kull azzjoni jew miżura oħra li għandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni kif l-Avukat Ġenerali jista' jitlob bil-miktub."*

18. L-Artikolu 435 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"(2) Kemm-il darba minn dawn il-provi ġodda miġbura minnu kif jingħad hawn fuq, l-Avukat Ġenerali jsir jaf b'reat ieħor li ma jkunx hekk imdaħħal fil-kompilazzjoni, hu għandu jibgħat lura l-atti kollha lill-Qorti tal-Maġistrati, u din il-qorti għandha tissokta l-kompilazzjoni u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor. ... ...*

*(3) Jekk ir-reat l-ieħor li, kif jingħad hawn fuq, ma jkunx imdaħħal fil-kompilazzjoni, ikun reat separat u iddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni, għandha tinbeda, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, kompilazzjoni ġdida u separata rigward dan ir-reat l-ieħor."*

19. Meta issir talba ghal korrezzjoni tac-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni, dak li jista' jkun – mhux necessarjament huwa – *in ballo* huwa d-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq. L-ewwel kwistjoni li trid tigi deciza hija jekk t-talba ghal korrezzjoni tigi accettata, din hiex se tippregudika d-dritt tal-imputat ghal difiza xierqa.

20. Fin-nota tieghu tat-22 ta' Mejju 2022 u fin-noti ta' rinviji ta' wara, l-Avukat Generali indika fid-dettal, b'riferenza ghal kull imputazzjoni, f'hiex jikkonsistu l-korrezzjonijiet li jrid li jsiru – haga li ma kienx ghamel fin-noti ta' rinviji precedenti, u saret issa biss fuq insistenza ta' din il-Qorti. Il-kawza ghadha tinsab fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, u ghalhekk anke jekk dawn il-korrezzjonijiet isiru, id-difiza - li issa taf ezettament f'hix jikkonsistu l-emendi u kontra liema fatti l-imputat ghandu jiddefendi ruhu - ghandha hin bizzejjed sabiex tirregola ruhha, u ggib il-provi kollha li thoss xierqa, u taghmel is-sottomissjonijiet kollha sabiex tirribatti l-imputazzjonijiet kif korretti.

21. In oltre, id-diversi korrezzjonijiet mitluba mill-Avukat Generali ma jinkludux iz-zieda ta' reat jew reati separati u iddivrenzjati ghal kollox mir-reati mdhallin originarjament fil-kumpilazzjoni, u ghaldaqstant l-Artikolu 432(3) mhux applikabbli ghal kaz odjern, u ghalhekk m'hemmx bzonn li tinbeda kumpilazzjoni gdida. Fil-fatt l-Avukat Generali ma ghamel l-ebda riferenza ghal dan is-subinciz (3) tal-Artikolu 432 fin-nota tieghu.

22. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-opinjoni li jekk isiru dawn il-korrezzjonijiet, id-difiza tal-imputat m'hu se tigi bl-ebda mod menomata.

23. Fejn din il-Qorti ma tistax bir-rispett kollu taqbel mal-Avukat Generali huwa fir-rigward tat-tieni rekwizit fin-nota ta' rinviju tieghu, fejn qed jitlob li l-ufficjali prosekuturi jergghu

jaqraw bil-gurament ic-citazzjoni kif korretta, isir mill-gdid l-ezami tal-imputat u jergghu jinstemghu il-provi mill-gdid, salv ezenzjoni mid-difiza. Dak li effettivament qieghed jitlob l-Avukat Generali huwa li wara li jsiru l-emendi fic-citazzjoni, din il-kumpilazzjoni terga' tibda mill-gdid, u cioe issir kumpilazzjoni ohra, u li din il-Qorti terga' tiddeciedi a bazi tal-provi ri-prodotti jekk hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza

24. L-ebda disposizzjoni tal-Kodici Kriminali ma tippreskrivi li meta issir korrezzjoni fic-citazzjoni fi proceduri ta' kumpilazzjoni, il-kumpilazzjoni trid terga' tibda mill-gdid. L-unika disposizzjoni li tikkontempla li l-Avukat Generali jista' jordna li l-kumpilazzjoni trid terga' tibda mill-gdid huwa l-Artikolu 432(2), *"meta l-atti tal-kompilazzjoni jkunu difettużi billi ma jkunux tħarsu xi dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra dwar dawn l-atti."* Dan l-Artikolu certament ma japplikax ghal kaz odjern, u fil-fatt l-Avukat Generali ma baghatx ir-rinviju taht dan l-Artikolu.

25. Kif diga inghad, l-Avukat Generali qed jibbaza t-talba tieghu ghall-korrezzjoni fuq l-Artikoli 405(8) u 435(2) tal-Kodici Kriminali.

26. L-Artikolu 405(8) tal-Kodici Kriminali imkien ma jghid li wara li l-Qorti tkun hadet dik l-*"azzjoni jew mizura ohra li ghandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni"*, hija ghandha tipprocedi b'kumpilazzjoni gdida. Il-fatt li l-ligi tuza l-kliem *"mal-kumpilazzjoni"* turi bl-iktar b'mod car, li l-kumpilazzjoni tibqa' l-istess wahda u ma tergax tibda mill-bidu.

27. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Dunstin Bugeja** deciza fl-14 ta' Lulju 2020 , il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri)[8] irriteniet hekk:

*"14. F'dan il-każ, fin-nota tar-rinviju tiegħu l-Avukat Ġenerali ma talabx lill-Qorti tal-Maġistrati biex tipproċedi skont l-artikolu 432 tal-Kodiċi Kriminali iżda taħt l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati imbagħad, wetqet dak li ġie mitlub mill-Avukat Ġenerali taħt l-artikolu 405(8) tal-Kodiċi Kriminali u għaddiet biex tordna l-korrezzjoni tal-isem tal-imputat u wara bagħtet l-atti lura lill-Avukat Ġenerali.*

*15. L-istadju li fih l-Avukat Ġenerali għamel dik it-talba kien wara li l-Qorti tal-Maġistrati kienet għalqet il-kompilazzjoni u ħadet id-deċiżjoni li, fuq l-evidenza li kellha, sabet li kien*

[8] *Per* Imhallef Aaron Bugeja.

*hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża.* *F'dak l-istadju previst mill-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali l-Liġi ma teħtieġx lil dik il-Qorti li terġa tipproċedi fuq din il-korrezzjoni skont it-termini tal-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali. U dan għar-raġuni li l-kompilazzjoni kienet diġa saret u ingħalqet bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati taħt l-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali u t-talba tal-Avukat Ġenerali saret ai termini tal-artikolu 405(8) tal-Kodiċi Kriminali, mingħajr ma l-istess ħass il-ħtieġa li jinvoka d-disposizzjonijiet tal-artikolu 432 tal-Kodiċi Kriminali li grazzi għalihom setgħet ġiet ordnata kompilazzjoni ġdida."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

28. L-Artikolu 435(2) jghid li wara li jizdiedu r-reati godda fil-kumpilazzjoni – ovvjament reati li ma jkunux separati u iddivrenzjati mir-reati originali fil-kumpilazzjoni – il-Qorti *"ghandha tissokta bil-kumpilazzjoni u tipprocedi fuq dan ir-reat l-iehor."* L-uzu tal-kelma *"tissokta"* jista' jfisser biss li l-kumpilazzjoni tibqa' l-istess wahda, u mhux terga' tibda mill-gdid.

29. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Gamil Abu Bakr** deciza fl-4 ta' Frar 2006, il-Qorti Kriminali[9] irriteniet hekk:

*"… … (F)it-2 ta' Frar 2006 ma nbidet l-ebda kumpilazzjoni gdida. In-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali, maghmula skond l-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali u mhux skond l-Artikolu 432(2), kienet proprju intiza biex "tissokta l-kumpilazzjoni" fir-rigward tar-reat il-gdid tar-recidiva kif jipprovdi l-Artikolu 435(2) tal-Kodici Kriminali – fit-test Ingliz "… shall continue the inquiry and shall proceed in respect of such other offence". Huwa veru li l-Avukat Generali ex abundanti cautela talab lill-Qorti Istruttorja li terga' tiddeciedi jekk kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, però fir-realtà tali decizjoni ma hi b'ebda mod mehtiega."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

30. L-istess ragunament gie adottat mis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Noel Zarb** deciza fit-23 ta' Jannar 2014, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleggjalment komposta irriteniet hekk:

*"**29.** Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sinjifikat ta' dan l-artikolu* [Artikolu 435 tal-Kodici Kriminali] *huwa sempliċi. Fejn jirriżulta lill-Avukat Ġenerali xi reat ieħor li ma jkunx ġie*

[9] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*akkużat bih l-imputat, l-Avukat Ġenerali jitlob lill-Qorti Istruttorja biex tipproċedi fuq dak ir-reat l-ieħor billi, jekk ikun reat "separat u ddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni" il-Qorti Istruttorja* <u>*tibda*</u> *kompilazzjoni ġdida fuq ir-reat l-ieħor, iżda fejn ir-reat l-ieħor ma jkunx hekk "separat u ddivrenzjat", il-Qorti Istruttorja "tissokta" bil-kompilazzjoni (fit-test Ingliż: "shall continue the inquiry"). Allura f'dawk il-każijiet fejn il-kompilazzjoni għandha "*<u>*tissokta*</u>*" bil-kompilazzjoni, ġaladarba jkun diga` ngħata d-digriet tal-prima facie, mhemmx il-ħtieġa li jerġa' jingħata tali digriet b'referenza għar-reat miżjud.*

***30.*** *Irid jingħad illi meta jingħata d-digriet li permezz tiegħu l-Qorti Istruttorja tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, il-Qorti Istruttorja ma toqgħodx tispigola dwar liema reat/i tkun qed tagħti tali digriet. Fil-fatt, fost ir-reati li bihom persuna tiġi akkużata jista' jkun hemm anke reat jew aktar ta' natura kontravvenzjonali.*

***31.*** *Issa, fir-reat ta' stupru hemm kompriż u involut ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Għalhekk fil-każ in eżami ma kellhiex tinbeda kompilazzjoni ġdida a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 435 iżda kellha tissokta l-istess kompilazzjoni a tenur tas-subartikolu (2). Ir-referenza li hemm fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 435 li jerġa' jibda mill-ġdid iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża hi dik li hi, referenza għat-termini li tipprovdi l-liġi. Ma jingħadx (bħalma hemm fl-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali) li meta tingħalaq il-kompilazzjoni f'dan l-istadju, il-qorti trid tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża b'referenza għar-reat il-ġdid. … …*

***32****. Għalhekk, ġaladarba l-kompilazzjoni kellha biss "tissokta", ma kienx hemm il-ħtieġa lanqas illi jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diga` nstemgħu salv, naturalment, xhieda dwar ir-reat miżjud u xhieda oħra dwar ir-reati oriġinali li forsi kienu għadhom ma xehdux. Konsegwentement ma trid tiġi sfilzata l-ebda xhieda."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

31. L-Avukat Generali jaghmel riferenza wkoll b'analogija ghall-Artikolu 599(1) tal-Kodici Kriminali, li jippreskrivi li wara li jinhareg l-att ta' akkuza *"f'kull waqt tal-kawza sakemm il-guri ma jaghtix il-verdett tieghu",* il-ligi taghti s-setgha lill-Qorti sabiex tordna li jigi

kkorregut *'kull zball li, mill-provi li jingiebu fil-kawza, jinsab li sar fl-att tal-akkuza dwar ic-cirkostanzi ta' zmien, post u persuna, meta, fejn, u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-hwejjeg li fuqhom sar ir-reat."* Bl-istess mod, l-Artikolu 597 jikkontempla l-korrezzjoni tal-att ta' akkuza qabel l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati.

32. Pero, f'kaz ta' korrezzjonijiet fl-att ta' akkuza, il-Kodici Kriminali ma jippreskrivix li l-proceduri kriminali jerghu jibdew mill-gdid b'kumpilazzjoni gdida, jew li jergghu jinbdew mid-data tal-hrug tal-att ta' akkuza. Dak li jikkontempla l-Kodici fil-kazijiet ta' korrezzjonijiet tal-att ta' akkuza li huwa dokument solenni, huwa li d-difiza tista' titlob jew tinghata mill-Qorti *ex officio* differiment sabiex tirregola l-posizzjoni taghha u tipprepara d-difiza taghha.[10] Fil-fatt il-prassi hi li tali korrezzjonijiet isiru minghajr il-htiega li l-imputat jerga' jigi innotifikat mill-gdid bic-citazzjoni kif korretta.[11]

33. Jekk korrezzjonijiet fl-att ta' akkuza fil-proceduri solenni quddiem il-Qorti Kriminali ma jinnecessitawx li l-proceduri kriminali jergghu jibdew mill-bidu, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema logika l-Avukat Generali qed jitlob f'dawn il-proceduri li wara li jsiru l-korrezzjonijiet li qed jitlob li jsiru, il-kumpilazzjoni terga' tibda mill-bidu.

34. Fin-nota tieghu, l-Avukat Generali jirreferi b'approvazzjoni ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Spiridione Tanti Costa** deciza fis-6 ta' Lulju 2020[12], fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[13] abbraccat l-insenjament f'diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li irrikonnoxxew li jistghu isiru tibdiliet fl-imputazzjonijiet qabel is-sentenza finali, b'dan illi l-imputat jinghata l-opportunita li jirriorganizza d-difiza tieghu ghall-imputazzjonijiet kif mibdula. Ironikament, id-digriet li ta' lok ghal din ir-riferenza kostituzzjonali inghata mill-magistrat sedenti, fit-3 t'Ottubru 2014, waqt li kienet qed tippresjedi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. F'din il-kawza, l-ilment kien, li wara li kemm il-prosekuzzjoni u d-difiza ghalqu l-provi taghhom, il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni ghal korrezzjoni fic-citazzjoni, u dan allegatament kiser id-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma sabet l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imputat stante li l-imputat kien inghata mill-Qorti l-opportunita

[10] Ara proviso ghall-Artikolu 599(1) u Artikolu 597(3) tal-Kodici Kriminali.
[11] Ara **Il-Pulizija vs Rose Jane Zammit** deciza fit-3 ta' Frar 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Imhallef Vincent De Gaetano) fir-rigward ta' korrezzjonijiet ta' isem l-imputat fuq l-att ta' akkuza.
[12] Ma giex intavolat appell minn din is-sentenza.
[13] *Per* Imhallef Francesco Depasquale.

kollha sabiex, invista tal-imputazzjonijiet kif mibdula, jipprezenta difiza addizzjonali. Ghalkemm il-proceduri kriminali mertu ta' din ir-riferenza kostituzzjonali kienu proceduri ta' natura sommarja, huwa rilevanti li la l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u lanqas il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma irritenew li wara l-korrezzjoni kien necessarju l-proceduri kriminali jergghu jibdew mill-gdid - kien biss necessarju li kif tghid il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem *"(t)he applicant had adequate time and facilities to prepare his defence to the reformulated charge."*[14]

35. Huwa appena necessarju li jinghad li t-talba tal-Avukat Generali li wara li jsiru l-korrezzjonijiet fic-citazzjoni, din il-kumpilazzjoni terga' tibda mill-gdid – hija mhux biss mhux konformi mal-ligi penali, pero mil-lat prattiku huwa ezercizzju ta' hela ta' hin u rizorsi enormi ghal partijiet kollha koncernati kif ukoll ghal din il-Qorti. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li d-difiza mhix obbligata tezenta lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi. Jista' jkun hemm ukoll xhieda li ghal xi raguni jew ohra ma jistghux jergghu jigu riprodotti, kif ukoll jistghu iqumu kwistjonijiet dwar diversi digrieti moghtija minn din il-Qorti sabiex jigu preservati l-provi. In oltre, tista' tqum ukoll kwistjoni dwar l-imparzjalita ta' din il-Qorti, kif preseduta, li tisma' l-kumpilazzjoni l-gdida, stante illi fuq l-istess incident u bl-istess imputazzjonijiet in sostanza hija diga esprimiet ruhha *prima facie* dwar jekk l-imputat ghandux jitqieghed taht att t'akkuza – ara b'analogija id-digriet **Il-Pulizija vs Robert Sant et** moghti fil-25 ta' Mejju 2016 minn din il-Qorti, diversament preseduta.[15]

36. A skans ta ekwivoci, il-Qorti taghmilha cara li hija konxja li ladarba hija ghalqet definittivament il-kumpilazzjoni billi iddikjarat li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, din il-Qorti, bhala Qorti istruttorja, f'dan l-istadju, ghandha funzjoni biss li tisma' xhieda u taghmel dak kollu indikat lilha fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali, u dan ai termini tal-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt fis-sentenza **Dr Joseph Brincat nomine vs L-Avukat Generali** deciza fit-23 ta' Novembru 2004, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:

*"Wara li tkun inghalqet il-kumpilazzjoni skond l-Artikolu 401 u jkunu qed isiru r-rinviji da parti ta' l-Avukat Generali (li jista' anke jirrinvija lill-Qorti Istruttorja minhabba li "l-*

[14] Ara **Haxhia vs Albania** (29861/03) u **Mulosmani vs Albania** (29864/03) it-tnejn decizi decizi fit-8 ta' Ottubru 2013 mill-Qorti Ewropea.
[15] *Per* Magistrat Doreen Clarke.

*imputat ikun irid jisma jew jerga' jisma' xi xhieda" – Art. 405(5), Kap. 9), il-Qorti Istruttorja hi marbuta bit-termini tan-nota jew noti ta' rinviju ta' l-Avukat Generali (jew bit-termini tat-talba ta' l-imputat, fil-kaz tal-imsemmi subartikolu (5)). Din il-limitazzjoni fuq il-funzjoni u l-poteri tal-Qorti Istruttorja hi ben stabbilita kemm fil-prassi tal-Qorti Istruttorja kif ukoll fil-gurisprudenza: il-proceduri jkomplu quddiem dik il-Qorti sabiex ikompli jigi istruwit il-process, pero` din l-istruzzjoni ulterjuri ssir biss fuq il-linji indikati mill-Avukat Generali skond l-imsemmi Artikolu 405 (salv, naturalment, dawk il-poteri li l-Qorti Istruttorja jista' jkollha skond disposizzjonijiet tal-ligi li huma applikabbli ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha – ez. l-Artikoli 516 et seq. tal-Kodici Kriminali – jew disposizzjonijiet ta' ligi li kjarament ma humiex marbuta ma' xi stadju partikolari ta' l-istruttorja – ez. l-Artikoli 412A, 412B, 575(2)(4A) u 580 tal-imsemmi Kodici)."*

Ghal fini tal-kwistjoni odjerna, il-poteri addizzjonali tal-Qorti Istruttorja mhux applikabbli, u huwa applikabbli biss l-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali.

37. Il-Qorti tghalaq dawn il-konsiderazzjonijiet taghha billi tosserva li l-formalizmu fil-procedura ghandu jservi l-iskop legittimu tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Meta l-"formalizmu" procedurali jservi merament bhala fini ghalih innifsu – iktar u iktar meta lanqas huwa rikjest bil-ligi - jikkaguna biss dannu lill-amministrazzjoni tal-gustizzja.

38. Il-Qorti tordna notifika ta' dan il-provvediment lill-Avukat Generali.

**(ft.) Marse-Ann Farrugia**
**Magistrat**

**VERA KOPJA**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**